

L-Erasmus jgħinna nimirħu f'dinjiet ġodda

F'dawn l-aħħar żminijiet, il-ħajja universitarja sar ikollha xi ħaġa nieqsa jekk ma jkollhiex l-aspett tas-safar fiha. Aktar ma jgħaddi żmien, aktar studenti jgħaddu parti mill-kors barra minn pajjiżhom f'università oħra li tilqagħhom bis-saħħa tal-programm ERASMUS. Dan il-programm, li ilu mwaqqaf 20 sena, jippermetti lill-istudenti mill-Unjoni Ewropea jsiefru biex jistudjaw f'pajjiż ieħor, u jgħin lill-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla jingħaqdu fi programmi ta' skambju.

Bosta mill-istudenti li haġu sehem fil-programm jiġu lura mogħnija b'esperjenzi li jservuhom għal ħajjithom. Minn naħa, hemm l-eċċitament li tgħix f'pajjiż u kultura differenti għal tul ta' żmien. Sikwit, din tkun l-ewwel darba li student żagħżuġ ikun siefer waħdu u jkollu jgħix b'mod indipendenti f'dinja differenti għal dik li hu mdorri għaliha. Tagħlima mill-kbar li jieħdu dawn l-istudenti taslihom mill-esperjenza multikulturali, fejn mhux biss ikollhom jistudjaw f'pajjiż ieħor, iżda jagħmluha ma' nies minn madwar id-dinja, li jgħorru magħhom basket imħallat ta' lingwi, ideat u esperjenzi. Biex tgħix f'pajjiż ieħor jenħtieġ ukoll moħħ miftuħ għal kulturi differenti minn tiegħek, u approċċi differenti għal nies differenti minnek.

L-esperjenzi tal-programm ERASMUS jeffettwaw ukoll b'mod pożittiv il-prospetti għax-xogħol li jkollhom l-istudenti wara li jiggradwaw. Għadd ta' studji jikkonfermaw li perjodu ta' studju barra jitqies bħala element ta' valur minn min iħaddem. Dan minħabba li d-dinja qiegħda dejjem tingħaqad aktar, u l-ħiliet tal-komunikazzjoni u l-kooperazzjoni multikulturali huma ideali għall-impjegat il-ġdid li teħtieġ l-ekonomija tal-lum.

L-ERASMUS jidħol kexxun fl-għan politiku ambizzjuż li l-UE ssir l-aktar ekonomija dinamika tad-dinja bbażata fuq l-għerf. Fil-programmi varji li joffru l-istituzzjonijiet edukattivi li jipparteċipaw f'dan il-programm hemm bosta proġetti ta' studju innovattivi b'rilevanza diretta għad-dinja tax-xogħol. Mit-teknoloġija tal-ogħla livell sat-taħriġ professjonali fil-mużika u l-edukazzjoni dwar il-konsumatur, dawn il-proġetti jolqtu l-oqsma varji tal-ekonomija u l-edukazzjoni Ewropea, u joffru lill-istudent l-opportunità li jimraħ lil hinn mid-djuq ta' ħajja mhux esplorata kif jixirqilha.